**KODICI TA' ETIKA U MGIEBA GHALL-AVUKATI**

**mahrug mill-KUMMISSJONI GHALL-AMMINISTRAZZJONI TAL-GUSTIZZJA**

Dan il-Kodici jiddefinixxi x'inhu mistenni mill-imgieba ta' l-avukati bhala professjonisti. L-iskop huwa li jindika bhala mezz biex jigu evitati l-agir abbuziv, it-traskuragni jew dak kollu li huwa inkompatibbli mad-dekor, mad-dinjita' jew l-unur tal-professjoni taghhom, jew li jista' jnaqqas serjament il-fiducja pubblika.

## L-EWWEL TAQSIMA
## PRINCIPJI GENERALI

### KAPITOLU I
### KIF GHANDU JGIB RUHU L-AVUKAT

**Regola 1**

L-Avukat ghandu, fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu jhares dawn il-valuri li gejjin kemm f'dak li jaghmel hu kif ukoll f'dak li jaghmel haddiehor f'ismu:-

a) l-indipendenza u l-integrita' ta' l-avukatura;

b) il-liberta' ta' kull persuna li tqabbad l-avukat li tixtieq;

c) il-lealta' ta' l-avukat lejn l-ahjar interessi tal-klijent tieghu;

d) il-fama tajba ta' l-avukatura u ta' l-avukati in partikolari;

e) il-livell ideali tax-xoghol ta' l-avukat;

f) id-dmiriijiet ta' l-avukat lejn il-Qorti.

**Regola 2**

L-avukat hu ufficcjal tal-Qorti u ghandu jgib ruhu bhala tali.

**Regola 3**

Dwar kull ma jigi fdat lilu, l-Avukat ghandu:-

a) obbligu ta' amministrazzjoni tajba bhal bonus pater familias;

b) obbligu li ma jinqediex b'dan ghall-vantagg tieghu;

c) obbligu li jaghti rendikont malli mitlub.

**Regola 4**

Ikun ksur ta' dan il-Kodici jekk avukat igib ruhu b'mod negligenti jew abbuziv, jew b'mod inkompatibbli mad-dekor, id-dinjita; u l-unur tal-professjoni jew, inkella b'xi mod li jnaqqas gravement mill-fiducja li avukat ghandu minhabba l-professjoni tieghu.

## IT-TIENI TAQSIMA
## RELAZZJONIJIET MAL-KLIJENTI

### KAPITOLU I
### KIF U META JIGI ACCETTAT L-INKARIGU

**Regola 1**

Is-sies tar-relazzjoni tajba li ghandu jkun hemm bejn l-Avukat u l-klijent huwa l-kapacita' ta' l-avukat li jaghti parir oggettiv u sincier, minghajr ebda influwenza jew pressjoni kuntrarja u minghajr interessi estraneji, hwejjeg dawn li jistghu jkissru jew idghajjfu l-indipendenza professjonali ta' l-avukat u l-fiducja tal-klijent fih.

**Regola 2**

L-avukat ma ghandux ifittex li jirreklama lilu nnifsu jew li jhalli lil hadddiehor jaghmel dan ghalih jew fl-interess tieghu. Il-Kamra ta' l-Avukati ghandha taghmel, minn jeddha jew fuq talba ta' xi membru, definizzjonijet permezz ta' guidelines li juru dak li ma jammontax ghall-pubblicita' ghall-fini ta' din ir-regola.

**Regola 3**

L-avukat ma ghandux iqabbad jew jaccetta direttament jew indirettament is-servizz ta' sensal. F'dan il-kontest il-kelma "sensal" ghandha tinftiehem bhala persuna li tipprokura x-xoghol ta' l-avukat, u tiehu kumpens ta' xi natura ghal dan.

**Regola 4**

L-avukat ma ghandux jiftiehem ma' ebda persuna, lanqas ma' prokuratur legali jew nutar, hlief ma' avukat iehor biex jaqsam mieghu xi parti mid-drittijiet li jmissu lill-avukat jew lill-persuna l-ohra.

**Regola 5**

L-avukat ma ghandux jinqeda b'isem ta' ditta, karta ta' l-ittri jew xi indikazzjoni jew deskrizzjoni li tista' tqarraq.

**Regola 6**

L-avukat m'ghandux jaghmel uzu minn karti ta' l-ittra li jindikaw bhal shab mieghu persuni li m'humiex avukati. Izda l-fatt li jigi stampat l-isem ta' prokuratur legali ma ghandux jitqies bhala ksur ta' din ir-regola sakemm l-isem tal-prokuratur legali ma jkunx gie nkluz fl-isem tad-ditta jew fil-lista tal-avukati assocjati.

**Regola 7**

Sakemm jigu osservati r-regoli 2,3 u 4 ta' dan il-kapitolu, l-avukat jista' jaccetta l-introduzzjoni jew ir-rakkomandazzjoni minn persuna ohra u hu stess jista' jintroduci jew jirrakkomanda persuna ohra.

## KAPITOLU II
## KIF JIGU ACCETTATI L-INKARIGI

**Regola 1**

L-avukat, bhala regoli generali, huwa liberu fid-decizjoni jaccettax jew le inkarigu minn klijent partikolari.

**Regola 2**

Meta avukat jinduna li xi inkarigu jista' jgib mieghu ksur ta' ligi jew tal-Kodici ta' l-Etika, huwa ma ghandux jaccettah, jew jekk ikun diga' accettah, ghandu jieqaf milli jkompli jespletah, dana dejjem jekk ma jkunx possibbli li l-klijent jimmodifika l-inkarigu biex ma jdahhalx l-avukat f'xi ksur ta' ligi jew il-Kodici ta' l-Etika.

**Regola 3**

Avukat ghandu jirrifjuta inkarigu jew m'ghandux ikompli bl-inkarigu meta jaf li ma jistax jaqdih bil-kompetenza u bl-attenzjoni necessarja ghall-kaz.

**Regola 4**

L-avukat ma ghandux jaccetta inkarigu meta ghandu raguni ghax jahseb li l-klijent qieghed jaghzel lilu bhala rizultat ta' theddid jew pressjoni ngusta.

**Regola 5**

L-avukat ma ghandux jaccetta inkarigu meta jaf li terza persuna imponiet li ghandu jitqabbad hu.

**Regola 6**

Meta avukat jircevi inkarigu mhux direttament minghand il-klijent izda permezz ta' persuna li tipprezenta ruhha bhala li qed tagixxi ghall-klijent, huwa ghandu jfiittex konferma diretta u f'kaz ta' dubju ghandu jiltaqa' mal-klijent jew jiehu dawk il-passi mehtiega biex jikkonferma l-inkarigu tieghu malli jkun possibbli.

**Regola 7**

L-avukat ma ghandux jaccetta inkarigu u jekk ikun diga accettah m'ghandux ikompli fl-espletament tieghu meta jkun hemm possibilta' ta' konflitt ta' interess bejn:-

a) l-avukat innifsu w il-klijent prospettiv; jew

b) klijent ezistenti jew prospettiv,

c) zewg klijenti ezistenti.

F'dan ir-rigward issir referenza ghar-regoli li hemm fil-Kapitolu 5 ta' din it-Taqsima.

**Regola 8**

L-avukat ghandu wkoll jirrifjuta nkarigu li jista' jgibu in konflitt ta' interessi ma' xi pozizzjoni ufficjali tieghu jew ta' klijent, socju, min jimpjegah, jew impjegat tieghu, jew ta' konjugi, axxendent jew dixxendent f'linja diretta. L-avukat ma ghandu qatt jagixxi b'mod li jaghti x'jifhem li xi pozizzjoni jew konnessjoni tieghu tista' tintuza ghal vantagg tal-klijent.

**Regola 9**

L-avukat ma ghandux normalment jaccetta inkarigu meta jkun jaf li fil-kawza huwa jew membru tal-istess ditta ser ikun xhud, hlief fil-kazijiet li fihom ix-xhieda hija biss formali.

**Regola 10**

L-avukat ma ghandux jaccetta inkarigu meta dan diga' kien gie moghti lil avukat iehor, jekk ma jkunx cert li l-avukat l-iehor gie mhallas skond il-ligi met gie tterminat l-inkarigu. Jista' jidhol biex jagixxi hu meta f'cirkostanzi ecezzjonali hekk titlob l-urgenza u biex ma jigux pregudikati l-interessi tal klijent , u f'dan il-kaz ghandu javza lill-avukat l-iehor. Fi kwalunkew kaz il-Kamra ta' l-Avukati, tista jekk jidhrilha xieraq, tawtorizza lit-tieni avukat jaccetta l-inkarigu.

## KAPITOLU III

## DMIRIJIET LEJN IL-KLIJENT MATUL L-INKARIGU

**Regola 1**

L-avukat li jaccetta inkarigu minghand il-klijent hu marbut li jaqdi l-inkarigu bi bzulija, b'kura u bl-abbilita' kollha tieghu.

**Regola 2**

L-avukat ghandu l-obbligu tal-kunfidenzjalita' dwar l-operazzjonijiet u l-affarijiet l-ohrajn tal-klijent tieghu. L-avukat huwa marbut u ghandu jimxi skond ir-regoli tal-Kapitolu 6 ta' din it-Taqsima.

**Regola 3**

L-adezjoni ta' l-avukat ghal dak li jipprovdi dan il-Kodici ta' Etika u Mgieba, hi kondizzjoni implicita ta' kull rapport tieghu mal-klijent.

**Regola 4**

L-avukat ghandu minn zmien ghal zmien jilqa' talbiet ragjonevoli ghal informazzjoni minghand il-klijent tieghu dwar l-inkarigu u l-espletament tieghu.

**Regola 5**

L-avukat ma ghandux itemm l-inkarigu moghti lilu mill-klijent minghajr ma jkun ta avviz ragjonevli skond ic-cirkostanzi.

**Regola 6**

Meta jispicca mill-inkarigu tieghu, l-avukat ghandu, salv kull privilegg u / jew dritt ta' retenzjoni, jikkonsenja lill-klijent il-karti kollha u l-proprijeta' kollha spettanti lill-klijent u jaghti rendikont tal-flus li jkollu f'idejh li jappartjenu lill-klijent.

## KAPITOLU IV
## DRITTIJIET PROFESSJONALI

**Regola 1**

L-avukat jista' fil-bidunett ta' l-espletament ta' l-inkarigu u anki fi zminijiet ragjonevoli waqt li qieghed jagixxi u qabel ma jintemm l-inkarigu, jitlob lill-klijent hlas jew hlasijiet akkont ta' drittijiet, spejjez u nfiq li ghandu jsir.

**Regola 2**

L-avukat jista' jistabilixxi l-hlas tieghu kemm awtonomament kif ukoll bi ftehim mal-klijent, dejjem fil-limiti tar-ragjonevolezza. Il-fatturi li ghandhom jitqiesu ghal dan l-iskop, kemm jekk id-dritt jigi stabilit bi ftehim u kemm mill-avukat innifsu huma dawn:

a) il-konsum taz-zmien, id-diffikulta' jew in-novita' stess tal-kwestjonijiet involuti, l-applikazzjoni intensa li tkun tehtieg;

b) ir-responsabbilta' li jkun qieghed jitghabba biha l-avukat, anki mehud in konsiderazzjoni l-ammont involut;

c) il-limitazzjonijiet ta' hin imposti mill-klijent stess jew mic-cirkustanzi;

d) in-natura u t-tul tar-relazzjoni professjonali mal-klijent;

e) l-esperjenza, ir-reputazzjoni u l-hila ta' l-avukat stess;

f) f'materja ta' litigazzjoni, id-drittijiet li jistghu jigu migbura mill-parti l-ohra;

g) il-probabilita' li l-avukat minhabba dak l-inkarigu jkun mizmum milli jaccetta xi nkarigi ohra.

**Regola 3**

L-avukat ma jistax, b'mod dirett jew indirett, jaghmel ftehim jew stipulazzjoni quotae litis.

**Regola 4**

L-avukat ma jistax jaghti sehem jew jiftiehem li jaghti sehem mid-drittijiet professjonali tieghu lil xi hadd, b'eccezzjoni ta':

a) avukati prattikanti;

b) socju irtirat jew predecessur ta' l-avukat, jew id-dipendenti, jew rapprezentanti ta' socju jew predecessuri mejtin.

**Regola 5**

L-avukat ma jistax jaghmel socjeta', jew ftehim iehor dwar il-professjoni barra minn ftehim espressament permess mil-ligi, ma' xi hadd li mhux avukat.

**Regola 6**

L-avukat ma jistax, la ghal rasu u lanqas ma' haddiehor, jiehu sehem fi jew jikkontrolla negozju li jkun joffri dawn is-servizzi:-

a) li jagixxi ta' avukat quddiem qorti, tribunal jew f'inkjesta;

b) li jaghmilha ta' ezekutur;

c) li jabbozza kuntratti dif ukoll memoranda jew statuti ta' assocjazzjoni ta' kumpanija;

d) li jifformula testment;

e) li jaghti pariri legali;

f) li jabbozza kull dokument legali iehor barra minn dawk diga' msemmija;

g) li jaghti servizz li l-ligi tassenja lill-avukati jew li tradizzjonalment isir mill-avukati.

**Regola 7**

L-avukat ghandu normalment jghaddi l-kont ta' spejjez u prestazzjonijiet fi zmien ragjonevoli wara li tkun konkjuza l-materja li ghaliha jirreferi l-kont.

**Regola 8**

Il-kont li avukat jibghat ghandu jkun fih taghrif bizzejjed biex min jircevih jifhem ghal liema prestazzjonijiet ikun qed jirreferi u meta dawn inghataw.

## KAPITOLU V
## KONFLITT TA' INTERESSI

**Regola 1**

L-avukat kemm jekk jipprattika ghar-rasu u kemm jekk f'ditta, ma ghandux jaccetta inkarigu minghand zewg klijenti jew aktar meta jkun hemm konflitt jew probabilita' ta' konflitt ta' interessi bejn dawk il-klijenti kemm jekk personali kif ukoll tad-ditta meta hemm jew jista' jkun hemm konflitt ta' interess ma' klijent ta' avukat fl-istess assocjazzjoni.

L-avukat li jahdem f'assocjazzjoni ma ghandux jaccetta inkarigu minghajr il-permess tal-klijent, meta hemm jew jista' jkun hemm konflitt ta' interess ma' klijent ta' avukat fl-istess assocjazzjoni.

**Regola 2**

L-avukat ma ghandux jaccetta inkarigu kontra klijent jew ex-klijent li dwaru jkunu gew fdati lilu informazzjonijiet rilevanti ghall-kaz fil-kors tar-relazzjoni tieghu ta' avukat ma' dak il-klijent jew ex-klijent.

**Regola 3**

L-avukat ghandu jirrinunzja l-inkarigi meta waqt l-espletament ta' xi wiehed minnhom johrog konflitt ta' interess.

**Regola 4**

L-avukat m'ghandux jaccetta inkarigu u ghandu jirrinunzja l-inkarigu meta jemergi konflitt ta' interess mieghu nnifsu.

**Regola 5**

L-avukat ma ghandux, meta ghandu prokura minghand klijent, jiehu vantagg ghalih innifsu jew beneficcju li ma kienx jaghti lil terza persuna bhala konsulent tal-klijent tieghu.

## KAPITOLU VI
## KUNFIDENZJALITA'

**Regola 1**

L-avukat hu marbut mhux biss bis-sigriet professjonali, izda wkoll bl-obbligu tal-kunfidenzjalita', li jrid izomm huwa u li jara li jzommu l-impjegati ta' l-ufficcju tieghu.

**Regola 2**

L-obbligu tal-kunfidenzjalita' dwar materji tal-klijent jorbot irrispettivament mnejn tkun giet l-informazzjoni.

**Regola 3**

Dan l-obbligu ta' kunfidenzjalita' jista' jinhall biss bil-kunsens tal-klijent jew meta dan jirrinunzja ghalih.

**Regola 4**

L-obbligu tal- kunfidenzjalita' - ghad-differenza tas-sigriet professjonali - jista' ma jibqax jghodd f' certi cirkostanzi eccezzjonali. Minghajr hsara ghall-generalita' ta' dak li inghad qabel, dawn ic-cirkostanzi ikunu jinkludu dawk il-kazijiet li fihom l-avukat ikun obbligat skond il-ligi li jizvela informazzjoni kunfidenzjali; u f'dawk il-kazijiet fejn dan l-isvelar ikun essenzjali ghall-avukat biex jiddefendi lilu nnifsu fi kwalunkwe procedimenti li jittiehdu kontra tieghu minn jew fuq ilment ta' klijent jew ex-klijent, f'liema eventwalita' l-isvelar ghandu jkun limitat ghal dak li jkun indispensabbli sabiex l-avukat jiddefendi lilu nnifsu.

**Regola 5**

L-avukat ma ghandux jikxef l-indirizz tal-klijent, kemm meta jkun espressament projbit milli jaghmel dak kif ukoll meta jista' ragjonevolment jobsor li dan jista' jkun ta' hsara lill-klijent tieghu.

**Regola 6**

L-avukat m'ghandux jaghmel profitt ghalih jew ghal terzi minn informazzjoni konfidenzjali miksuba fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu.

## IT-TIELET TAQSIMA
## OBBLIGI LEJN L-OHRAJN

### KAPITOLU 1
### RELAZZJONIJET MA' L-OHRAJN

**Regola 1**

L-avukat meta qieghed jagixxi professjonalment bhala avukat jew fi kwalunkwe mansjoni ohra, ma ghanudx ikun qarrieqi, falz jew igib ruhu b'xi mod iehor li mhux konformi ma' l-ezercizzju xieraq ta' l-avukatura. L-avukat ma ghandux jinqeda bil-

professjoni tieghu jew bil-fatt stess li hu avukat biex jakkwista vantaggi mhux xierqa ghalih jew ghal haddiehor.

**Regola 2**

L-avukat li jinduna li parti ohra ma hix rapprezentata minn avukat, izda minn xi persuna mhix kwalifikata, ghandu jevita li jittratta ma' din il-persuna minghajr ma jippregudika l-interessi tal-klijent tieghu.

**Regola 3**

L-avukat, f'ittra interpellatorja ghandu jitlob biss dak li jista' jinkiseb skond il-ligi.

## KAPITOLU II
## RELAZZJONIJIET MA' AVUKATI OHRA

**Regola 1**

L-avukat ghandu jagixxi ma' avukati ohra, b'kortesija, b'lealta', u b'rieda tajba, konformement mad-dmir principali tieghu lejn il-klijent.

**Regola 2**

L-avukat ma ghandux jittratta direttament ma' parti ohra, meta din il-parti tkun qabbdet avukat, hlief bil-kunsens ta' l-istess avukat; izda jekk l-avukat tal-parti l-ohra ma jwegibx fi zmien ragjonevoli, allura hu f'postu li jikteb direttament lill-parti l-ohra.

**Regola 3**

L-avukat huwa fid-dmir li jirraporta lill-Kamra ta' l-Avukati kull ksur serju tal-Kodici ta' Mgieba minn avukat iehor. L-avukat jista' jekk ihoss il-htiega jikseb il-kunsens tal-klijent tieghu.

# IR-RABA' TAQSIMA
# OQSMA PARTIKOLARI TA' PRATTIKA

## KAPITOLU 1
## LITIGAZZJONI U AVUKATURA

**Regola 1**

L-avukat f'kawza, ghandu jaghti l-ahjar servizz lill-klijent tieghu minghajr ma jqarraq jew jizvija 'l Qorti.

**Regola 2**

L-avukat ma ghandux jithaddet dwar il-merti ta' kaz quddiem imhallef, magistrat jew gudikant iehor li jkollu jew jista' jkollu l-kaz quddiemu, hlief fil-Qorti waqt is-seduta jew fil-prezenza ta' l-avukat tal-parti l-ohra, jew l-istess parti l-ohra, u meta hekk mitlub mill-gudikant.

**Regola 3**

L-avukat jista' jkellem u jiehu stqarrijiet minghand kulhadd, izda ma jistax:
a) ikellem lill-parti avversarja minghajr il-kunsens jew il-prezenza ta' l-avukat taghha;
b) javvicina xhieda meta dan jista' ifixkel ir-ricerka tal-verita'.
Fi kwalunkwe kaz l-avukat ma jistax javvicina xhud indikat mill-parti l-ohra meta dan gie projbit mill-Qorti lill-klijent tieghu.

**Regola 4**

L-avukat li jsir jaf li l-klijent tieghu bi hsiebu jiehu gurament falz u jqarraq bil-Qorti, ghandu jiddesisti milli jkompli jassistih jekk il-klijent jibqa' determinat li jimxi b'dan il-mod.

**Regola 5**

L-avukat ghandu jobdi kull ordni xierqa tal-Qorti u jwettaq kull promessa li jkun ghamel lill-Qorti.

**Regola 6**

L-avukat ma ghandux jidhol garanti ta' klijent jew ta' mandanti tieghu.

**Regola 7**

L-avukat ghandu l-obbligu li fil-qorti jkun liebes b'mod xieraq.

**Regola 8**

L-avukat, anki meta, b'inkarigu tal-klijent, jaghmel stqarrija lill-istampa, ghandu jqis li dan ma jsirx bi hsara ghas-smiegh xieraq ta' kawza li ma tkunx ghandha giet konkjuza.

**Regola 9**

L-avukat li jagixxi bhala prosekutur ghandu jipprezenta l-kaz tieghu bla passjoni, bi skruplu u bi precizjoni, kif xieraq.

**Regola 10**

L-avukat difensur fil-kriminal ghandu d-dmir li jiddefendi l-klijent tieghu u jghid dak li l-klijent kien ighid fid-difiza tieghu nnifsu li kieku kellu l-hila, l-gherf u l-preparazzjoni legali. L-avukat ghandu jaghmel dmiru billi jgharbel kull prova li l-prosekuzzjoni ggib u jekk din twassalx biex tipprova l-htija tal-klijent tieghu.

**Regola 11**

L-avukat li jidher fil-Qorti jew in camera f'materja civili, ghandu d-dmir li jghid ghall-klijent tieghu dak kollu li kien ikun xieraq li jghid il-klijent kieku kellu l-hila, l-gherf u l-preparazzjoni legali li tkun mehtiega.

**Regola 12**

L-avukati li jkunu qeghdin jittrattaw barra mill-Qorti jew tribunal, biex jittransigu xi kawza mibdija jew li tista' tinbeda, ma jistghux jaghmlu uzu fil-Qorti minn dak kollu li jkun ghadda bejn il-partijiet, hlief bil-ftehim mal-parti l-ohra, u l-kontenut tat-trattativi ma ghandux jigi mgharraf lill-Qorti jew tribunal hlief bi ftehim.

## KAPITOLU II
## META AVUKAT IKUN IMPJEGAT

**Regola 1**

Avukat fl-impieg huwa marbut bir-regoli ta' l-imgieba professjonali bl-istess mod bhal avukat fil-prattika privata.

**Regola 2**

Avukat li huwa mpjegat ma' min m'huwiex avukat m'ghandux, bhala parti mill-impieg tieghu, jespleta inkarigi jew jippresta servizzi professjonali legali tieghu versu terzi.

**Regola 3**

Avukat fl-impieg ta' haddiehor sew jekk avukat u sew jekk le jista' jaghmel xoghol barrani ta' prattika privata basta li dan ikun permess fil-kuntratt ta' l-impieg tieghu u ma jkunx intiz biex jevadi r-regola precedenti.

## IL-HAMES TAQSIMA
## DITTI U ASSOCJAZZJONIJIET LEGALI

### KAPITOLU 1
### DEFINIZJONIJIET U SEHH

**Regola 1**

F'dan il-Kodici ta' Etika u Mgieba:-

"assocjazzjoni" tfisser kull assocjazzjoni bejn avukati kwantu professjonisti u tinkludi ftehim dwar qsim ta' nfiq;

"ditta" tfisser assocjazzjoni ta' avukati kif ukoll ufficcju ta' avukat li jahdem wahdu;

"socjeta" tfisser socjeta civili bejn avukati sew jekk formalment kostitwita u sew jekk le.

**Regola 2**

Dan il-Kodici japplika mutatis mutandis ghal kull ditta ta' avukati kif imfissra f'regola 1 ta' dan il-Kapitolu.